TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Antoine u Christine Micallef

vs

Charichelon Co. Ltd

CCT 210/2017/MS

17 ta' April 2019

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fil-21 ta' Novembru 2017 fejn talbu r-rifuzjoni ta' €1,502 rapprezentanti valur ta' zewg biljetti tal-ajru ghal zewg persuni bhala kumpens wara li r-rikorrenti kienu bbukjaw mawra mas-socjeta' intimata, li kienet ta' dizappunt kbir ghalihom meta tpoggew f'akkommodazzjoni mhux idoneju u dan minghajr ma gew infurmati.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata ipprezentata fl-14 ta' Dicembru 2017, fejn b'mod preliminari eccepiet illi l-kumpanija Rocs Group imsemmi mir-rikorrenti hija biss *brandname* minghajr ebda personalita' giuridika ui fit-tieni lok l-ilmenti tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in vista tal-fatt illi r-rikorrenti accettaw pagament ta' tlett mitt Euro ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom permezz ta' cekk, liema cekk gie msarraf; di piu r-rikorrenti gew offruti wkoll titjira ghal zewg persuni bla hlas, liema offerta ma kenitx tinkludi t-taxxa relattiva ghal din it-titjira liema offerta ma gietx accetata mir-rikorrenti; illi jekk kien hemm nuqqasijiet dawn graw b'accident jew forza magguri minhabba eruzzjoni ta' vulkan li konsegwenza taghha il-*booking* tar-rikorrenti minn Singapore ghal Bali gie kancellat: ir-rikorrenti irrifjutaw *voucher* minn Jetstar Airways ghal dan il-*booking* u ghalhekk kwalunkwe talba ghal hlas ta' danni ghandha tigi michuda.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2018 ir-rikorrenti talbu korrezzjoni fl-okkju sabiex l-isem Rocs Group jinbidel ghal Charichelon Co. Ltd u t-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-korrezzjoni. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata u t-Tribunal ha jastjeni jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-eccezzjonijiet kollha l-ohra jirrigwardaw il-meritu.

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi fis-sena 2016 r-rikorrenti ibbukjaw holiday mit-18 ta' Lulju 2016 sas-6 ta' Awwissu 2016 (Malta - Dubai - Bali - Singapore - Dubai - Malta) ghal *honeymoon* tramite s-socjeta' intimata. Fix-xhieda tieghu, r-rikorrent ighid li hallu kollox f'idejn l-azjenda Rocs u hallsu madwar €4,433. Meta waslu Bali u marru fil-lukanda, sabu li l-kamra kienet mahmuga, tant li wara li lmentaw mar-*reception desk*, baghtu xi hadd biex jaghmel xoghol ta' manutenzjoni u xi hadd iehor biex jaghmel xoghol ta' tindif li ha madwar tlett sighat. Pero madankollu r-rikorrenti xorta ma kienux sodisfatti. Meta waslu Singapore gew avzati li l-lukanda kienet ghaddejja minn process ta' r*efurbishment* u dan minghajr ebda pre-avviz ghalkemm xi hadd mir-*reception* qallhom li ROCS kienu jafu b'dan. Inghataw tlett ittri (Dok AM 12, 13 u 14) bil-hinijiet u d-dati ta' meta kienu ha jsiru x-xogholijiet u li seta' jkun hemm sospensjoni tad-dawl u tas-servizz tat-telefon. Dan kollu ma kienx accettabbli ghar-rikorrenti iktar u iktar fil-*honeymoon*.

Malli wasslu Malta, Antoine Micallef mar ghand il-kumpanija ROCS u kellem ma' certa Lara Micallef li qaltlu li kellu jistenna 10 gimghat. Wara li ghadda dan il-perjodu (u allura ghall-habta ta' nofs Ottubru) ir-rikorrent gie offrut is-somma ta' €300.00, liema offerta ma gietx accetata minnu. Talab laqgha u f'din il-laqgha gie infurmat illi kienu ser ituh €245.00 ohra u ghal darb'ohra ma accettax. Hemmhekk ighid li gie offrut is-somma ta' €300.00 flimkien ma' zewg titjiriet ghal Dubai (minghajr akkommodazzjoni), offerta li kienet accettabbli ghalih. Fil-fatt ir-rikorrent ighid li s-sur Aquilina kien qallu biex immur ikellem rapprezentant minn Rocs - certu Bjorn Vassallo, u r-rikorrent kien lest li jerga' jibbukja ma' Rocs. Meta mar jibbukja sar jaf illi t-taxxi kienu ser ikunu a spejjes tieghu u dan kien immur kontra dak li kien ftiehem mas-sur Aquilina. Ir-rikorrent ighid illi ghal bidu ma kienx sarraf ic-cekk ta' €300.00. Sarrfu wara li ltaqa' mas-sur Colin Aquilina u ftehmu fuq l-offerta l-gdida li kien jinkludi l-flights u qabel ma ltaqa' ma' Bjorn Vassallo. (ara xhieda tar-rikorrent 12 ta' Frar 2018). Ir-rikorrent ighid li kien informa lis-sur Aquilina li kien sarrfu. (ara xhieda 17 ta' Ottubru 2018). Ir-rikorrenti qeghdin jitolbu s-somma ta' €1,502 li jirraprezenta l-prezz ta' zewg titjiriet (700 x 2).

Illi min-naha l-ohra Colin Aquilina ighid illi sar jaf b'dan il-kaz fid-19 ta' Awwissu 2016 - u cjoe' wara li r-rikorrenti gew lura mill-vjagg. Ighid ukoll illi kieku kien sar jaf b'din il-problema *'in real time'* kien isolvi l-problema *'there and then'*. Ighid illi l-kumpanija kienet harget cekk ta' tlett mitt Euro mehmuza ma' ittra li intbaghtet fl-1 ta' Novembru

2016, li kienet tghid illi din kienet in *full and final settlement* u li dan ic-cekk gie imsarraf fit-22 ta' Novembru 2016. Fix-xhieda tieghu ighid illi r-rikorrent kien talab *meeting* mieghu u li sadanittant ma kienx jaf li dan ic-cekk ma giex imsarraf. Pero' ighid ukoll illi kienu qed jippruvaw issibu soluzzjoni. Offrewlu zewg titjiriet ghal Dubai u f'dak l-istadju ma kienx jaf li ic-cekk kien gie msarraf. Ighid li kien kellem lil Christine Micallef u sar jaf li r-rikorrenti ma kienux lesti jhallsu it-taxxi ghal Dubai u f'dak l-istadju hass li kellu jivverifika jekk ic-cekk giex imsarraf u wara li ghamel il-verifiki u rrizulta li kien imsarraf waqqaf it-diskussjonijiet.

Ikkunsidra

Jibda biex jinghad illi ma hemm l-ebda ilment min-naha tar-rikorrenti ghat-titjira li giet kancellata minhabba l-izbroff tal-vulkan u allura mhux il-kaz illi t-Tribunal jidhol fil-mertu tieghu.

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat illi kien hemm nuqqasijiet (*accommodation issues)* illi kienu sors ta' dizappunt u li kellu effett hazin fuq il-qamar il-ghasel tar-rikorrenti. Fil-fatt dan it-Tribunal huwa sodisfatt illi hemm qbil - anke min-naha tas-socjeta' intimata - li kien hemm nuqqasijiet li mmeritaw xi tip ta' kumpens. Huwa propju l-quantum tal-kumpens li qed jigi kontestat.

Irriuzulta mill-provi illi r-rikorrenti nghataw cekk ta' €300.00 permezz ta' ittra, li pero' baqa' mhux iffirmat u msarraf ghal perjodu ta' zmien. Dan ic-cekk huwa datat 31 ta' Ottubru 2016 u l-ittra datata 2 ta' Novembru 2016 mibghuta mis-Sur Colin Aquilina tinqara hekk:

*Dear Mr Micallef*
*Please find enclosed refund of €300.00 by way of BOV cheque number 23566 dated 31st October 2016 in favour of accommodation issues for booking 567/2016. Kindly sign the attached form and send back to us in the self addressed envelope enclosed with this letter. I trust you appreciate the enclosed and look forward to be of assistance to you in the very near future. I am hereby enclosing my personal details Please feel free to contact me any time.*

Din l-itttra qatt ma giet iffirmata u qatt ma ntbaghtet lura lis-sur Aquilina u c-cekk baqa' mhux imsarraf sal-22 ta' Novembru 2016. Irrizulta wkoll illi fil-21 ta' Novembru 2016 kien hemm skambju ta' messaggi bejn Aquilina u Micallef fejn jidher illi kien hemm diskussjonijiet ghaddejin fuq il-kaz u fejn Aquilina assigurah illi kien ser icempillu l-ghada (22 ta' Novembru 2016) biex jaghtih id-decizjoni finali.

*Dear Mr Micallef, good evening. I trust you are fine! As promised I am updating you re case we discussed this morning. Tomorrow I will have complete info requested from our accounts division. Will be calling you tomorrow so as to communicate our final decision. Kindly excuse me for the delay. Thanks and regards, good night, Colin.*

Ghalkemm it-trapass ta' zmien ma jghinx f'kazijiet bhal dawn huwa aktar probabbli li r-rikorrent ikun propens li jiftakar aktar peress illi dina hija priorita' ghalih mentri l-konvenut, bhala CEO, ikollu hafna kwistjonijiet ma' klijenti li jikkoncernaw vjaggi. Fil-fatt, avolja z-zewg partijiet ma kienux precizi meta ltaqghu, jidher li dana sar wara l-21 ta' Novembru 2016 fejn sussegwentement ir-rikorrent hassu komdu bizzejjed biex issarraf ic-cekk. Ir-rikorrent ighid ukoll li kien avza lis-sur Aquilina b'dan, pero dan gie michud mis-sur Aquilina.

It-Tribunal ghandu quddiemu zewg versjonijiet:

wiehed li Micallef s-sarraf ic-cekk fit-22 ta' Novembru 2016 propju l-ghada ta' meta ircieva it-text message fuq imsemmi fejn allura seta' ircieva decizjoni finali minghand Aquilina fejn hassu komdu bizzejjed biex isarraf ic-cekk u informa b'dan lil Aquilina;

u l-iehor li Aquilina kien lest li jaghtih zewg flights (minghajr it-taxxii) pero f'dan l-istadju ma kienx jaf illi c-cekk kien gie msarraf u li malli sar jaf li r-rikorrent rega' ilmenta fuq it-taxxi u li c-cekk kien gie msarraf waqqaf kollox. Dan imur kontra dak li qal ir-rikorrent illi Aquilina kien jaf illi ha jsarraf ic-cekk.

It-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha, jidhirlu illi d-dokument determinanti li jista' jwassal ghas-soluzzjoni ta' dan il-kaz huwa dak datat 2 ta' Novembru 2016 li kien qed jakkumpanja ic-cekk ta' tlett mitt Euro offrut mill-konvenut. F'dan id-dokument hemm dikjarazzjoni li r-rikorrenti

*"do not have any complaints, expectations or claims, against Charichelon Co. Ltd and/ or Rocs Travel and/or Rocs group and/or Directions Travel Agency and/or their respective associated companies and/or agents."*

Avolja din id-dikjarazzjoni mhijiex iffirmata mir-rikorrent Antoine Micallef, il-fatt illi c-cekk gie msarraf minnu huwa accettazzjoni tat-tisrif taht dawk il-kondizzjonijiet, u cjoe' li m'ghandux aktar ilmenti jew pretensjonijiet kontra s-socjeta' konvenuta. Colin Aquilina, fix-xhieda tieghu jirrepeti diversi drabi illi malli sar jaf li c-cekk gie msarraf waqqaf id-diskussjonijiet li kienu ghaddejin bejniethom. Legalment dan kien jintitolah biex jaghmel hekk.

Kienu x'kienu r-ragunijiet li gieghel ir-rikorrent issarraf ic-cekk, sfortunatament ma jistax jahrab mill-konsegwenzi ta' dak id-dokument u forsi hawnhekk it-Tribunal jirrimarka li r-rikorrent, fejn kien ilu jistenna biex jasal f'arrangament finali, seta' stenna ftit iehor biex jassigura l-posizzjoni tieghu.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru